MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 1894/2000/1

**San Andrea School**

**-vs-**

**Giuseppa Chetcuti, David u Mary konjuġi Mallia solidalment bejniethom**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-18 ta' Settembru 2000 li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi ppremettiet:

Illi fis-16 ta' Ottubru 1995, "The Parents Foundaiton for Education Second School" illum "San Andres School" kienet iffirmat ftehim mal-konvenuti (Dok. A) li permezz tiegħu l-partijiet kienu ftehmu, fost affarijiet oħra senjatament taħt klawsola 1 (b) illi l-atturi kienu taw b'titolu ta' self lill-konvenuti s-somma ta' ħamest elef lira Maltin (Lm5,000).

Illi skond l-istess imsemmija f'paragrafu c (i) u (ii) ta' klawsola li tlestew, iżda minkejja dan il-fatt il-konvenuti xorta waħda ma ħallsux is-somma ta' Lm5,000 skond kif kienu obbligati illi jagħmlu taħt il-ftehim tas-16 ta' Ottubru 1995.

Illi abbażi tal-artikolu 1 (c) (iii) tal-imsemmi ftehim l-atturi kellhom l-obbligu illi jipprovdu a spejjeż tagħhom għal perjodu kollu sakemm titlesta l-kostruzzjoni msemmija f'paragrafu (i) ta' din il-kawsola 1(b) *container* ta' erbgħin (40) pied jew żewġ *containers* ta' għoxrin (20) pied-il wieħed.

Illi bħala stat ta' fatt l-atturi kien onoraw l-obbligu tagħhom taħt l-artikolu 1(c) (iii) u kienu pprovdew żewġ *containers* ta' għoxrin pied-il wieħed, iżda minkejja illi tlestiet il-kostruzzjoni msemmija fil-ftehim (Dok. A) xorta waħda l-konvenuti għadhom ma rritornawx l-imsemmija *containers* huma baqgħu inadempjenti.

Jgħidu għalhekk il-konvenuti solidalment bejniethom għaliex dina l-Qorti m'għandiex:

[1] tiddikjara illi l-atturi kienu onoraw l-obbligi tagħhom taħt il-ftehim tas-16 ta' Ottubru 1995 fis-sens illi tlestew ix-xogħolijiet deskritti aħjar taħt il-klawsola 1 (c) (i) u (ii) tal-istess ftehim.

[2] tiddikjara lill-konvenuti bħala debituri tal-atturi fis-somma ta' ħamest elef lira Maltin (Lm5,000) abbażi tal-ftehim ta' bejniethom tas-16 ta' Ottubru 1995,

[3] tiddikjara illi l-konvenuti qegħdin iżommu ż-żewġ *containers* sumenzjonati mingħajr l-ebda titolu validu skond il-liġi,

[4] tordna u tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi s-somma ta' Lm5,000,

[5] kif ukoll tordna lill-konvenuti sabiex jirritornaw lill-atturi fi żmien qasir u perentorju, li jiġi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, l-imsemmija żewġ *containers*,

[6] u in difett li l-konvenuti jonoraw il-ħames talba li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu lill-atturi s-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) rappreżentanti l-valur taż-żewġ *containers* imsemmija – kollox skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet premessi.

Bl-imgħax u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-11 ta’ Ottubru 1999, u Lm15.00 tal-konsult, kontra l-konvenuti li minn issa jibqgħu nġunti għas-subizzjoni tagħhom.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta’ attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, ippreżentata fit-3 ta’ Novembru 2000, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi n-nullita’ taċ-ċitazzjoni billi "San Andrea School" m’għandhiex personalita' ġuridika.

2. Sussidjarjament u bla preġudizzju San Andrea School mhijiex il-leġittimu kontradittur f’din il-kawża, billi l-ftehim imsemmi fiċ-ċitazzjoni sar ma "The Parents Foundation For Education Second School".

*3. Inoltre* l-azzjoni attriċi hija intempestiva billi sal-lum ix-xogħol miftiehem għadu ma tlestiex skond l-arti u s-sengħa u skond il-ligi.

4. Illi għalhekk it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u konsegwentement għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti tas-7 ta’ Novembru 2005 li permezz tagħha rrespinġiet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

Rat l-atti proċesswali;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Novembru 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni din l-azzjoni hija bbażata fuq l-iskrittura li saret fl-1995 bejn il-partijiet. Skond dan il-ftehim kellhom isiru xi xogħlijiet fir-razzett tal-konvenuti li kellhom jitħallsu mill-iskola attriċi u sar ukoll self da parti tal-iskola attriċi lill-konvenuti. L-iskola attriċi issa qed titlob r-restituzzjoni tas-self u r-ritorn ta' żewġ *containers* illi kienu ukoll ġew mislufa. Dan kollu sar għaliex l-iskola ħadet biċċa art li kienet tinħadem mill-konvenuti.

Illi dawn qed jeċċepixxu li l-azzjoni hija intempestiva għaliex ix-xogħol ma kienx għadu lest u l-istess xogħol ma sarx skond l-arti u s-sengħa. Din il-kawża nstemgħet u qed tiġi deċiża kontestwalment mal-kawża fl-ismijiet **"San Andrea School vs David Mallia et"** (ċitazzjoni 1895/2000).

Illi din il-kawża pero' tippreżenta ħafna inqas diffikolatjiet. Il-konvenuti qed jeċċepixxu biss li x-xogħol kien għadu mhux lest meta ġiet istitwita l-kawża u allura hija intempestiva kif ukoll li x-xogħol ma sarx skond l-arti u s-sengħa.

Illi l-Qorti pero' hija sodisfatta li x-xogħol kien ġia' lest meta ġiet istitwita l-kawża, kif jirriżulta mid-depożizzjoni tal-perit Torpiano, u anke tal-istess impjegat tas-soċjeta' Attard Brothers li kienet effettivament għamlet ix-xogħlijiet u tħarrek biex jixhed mill-konvenuti stess, (ara xhieda ta' Paul Vincenti). Minn dan jirriżulta ċar li x-xogħlijiet kienu lesti ċertament sas-sena 1999.

Illi jirriżulta li jekk kien hemm xi xogħol li ma sarx skond l-arti u s-sengħa dan issewwa u għalhekk ċertament li l-konvenuti mhux ġustifikati illi għadhom ma jridux iħallsu lura s-somma mislufa. Jekk għamlu xi spejjeż huma, jistgħu jaġixxu legalment u mhux jirrifjutaw li jħallsu lura s-

self. Dwar il-*containers* Mary Mallia qalet ċar u tond illi l-iskola tista' teħodhom meta trid.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet kollha attriċi u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-iskola s-somma ta' ħamest elef lira Maltin jew ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) fir-rigward it-tieni talba (bl-imgħaxijiet kif mitluba) u tordnalhom jirritornaw il-*containers* fi żmien xahar, u fin-nuqqas ta' dan iħallsu s-somma ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) lill-iskola attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża *eccetto* dawk ġia' deċiżi bis-sentenza tas-7 ta' Novembru 2005 jkunu a kariku tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------